MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

## ONOR. IMHALLEF
## ANTON DEPASQUALE

## ONOR. IMHALLEF
## ALBERT J. MAGRI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 651/1992/1

**Dr Wenzu Mintoff**

**vs**

**Victor Camilleri, editur, u Paul Spiteri, stampatur rispettivament tal-gazzetta "Il-Mument"; u Giovanni Demartino**

**Il-Qorti;**

1. Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-15 ta' Ottubru, 1999 li permezz taghha dik il-Qorti kienet sabet lill-konvenuti hatja li mmalafamaw lill-attur b'kitba (ittra) li dehret fil-gazzetta "Il-Mument" fil-31 ta' Mejju, 1992 u kienet ikkundannathom ihallsu *in solidum* is-somma ta' Lm400 lill-attur, oltre l-ispejjez tal-kawza.

2. L-attur kien hassu malafamat b'parti minn ittra, miktuba mill-konvenut Demartino u ppublikata f'pagna 9 tal-harga msemmija tal-gazzetta "Il-Mument". Il-parti relevanti ta' din l-ittra, cioe` l-parti li minnha l-attur qieghed jilmenta, tghid hekk: ***"Fiz-zmien li s-Socjalisti Maltin kienu qed iwettqu l-hnizrijiet u l-oxxenitajiet li wettqu Dr. Wenzu Mintoff inghaqad maghhom u baqa' fi hdanhom sakemm tilfu l-poter. Napprezza li Dr. Mintoff fl-ahhar qal bizzejjed, izda x'ghamel meta s-socjalisti hadu l-poter kontra r-rieda tal-maggoranza assoluta? Dakinhar mar iwahhalha l-plakka? Twahhalha sewwa l-plakka fi zmienhom!"***.

3. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti eccepew illi ***"…ghal dak li jirrigwarda fatti kontenuti fl-artikolu, dawn huma veri u l-eccipjenti lesti li jippruvaw il-verita` taghhom; ghal dak li jirrigwarda kummenti, dawn jammontaw ghal 'value judgements' illi l-esponenti ghandhom dritt jippublikaw skond il-ligijiet tal-pajjiz"*** [1].

4. Il-parti relevanti tas-sentenza li minnha qed isir dana l-appell tghid hekk:
"Din is-silta taghmel dawn l-allegazzjonijiet ta' fatti:

1. illi f`xi zmien is-Socjalisti Maltin wettqu "hnizrijiet u oxxenitajiet";

2. illi f`xi zmien is-Socjalisti Maltin hadu l-poter kontra r-rieda tal-maggoranza assoluta;

---

[1] Kien hemm zewg eccezzjonijiet ohra li pero` ma ghandhomx relevanza ghall-meritu ta' dana l-appell. Eccezzjoni minnhom giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata mill-Qorti fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru, 1993; eccezzjoni ohra – dik tal-preskrizzjoni – giet deciza mill-ewwel Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1996 u minnha la sar appell dak iz-zmien u anqas qed isir appell issa.

3. li fiz-zmien meta s-Socjalisti Maltin wettqu "hnizrijiet u oxxenitajiet", l-attur inghaqad maghhom u baqa' maghhom sakemm tilfu l-poter;

4. illi, ghalkemm, wara, l-attur qal "bizzejjed", ma ghamel xejn meta s-Socjalisti kienu hadu l-poter kontra r-rieda tal-maggoranza assoluta.

L-attur xehed li, ghalkemm hu "twieled" fil-Partit Laburista, beda jsir attiv fih hekk kif iggradwa fl-1984. Madankollu, xehed ukoll li f`xi zmien kien tkecca mill-fergha ta' l-istudenti tal-partit; dan ifisser li kien attiv ghal xi zmien ukoll meta kien ghadu student, qabel ma iggradwa. Fil-fatt xehed ukoll illi meta, f`Ottubru ta' l-1977, kienu ssawtu xi studenti, hu kien ghamel stqarrija pubblika biex jikkundanna l-vjolenza u, minhabba f`din l-istqarrija, l-ghaqda ta' l-istudenti li kien imsieheb fiha kienet giet xjolta.

Fl-1985 l-attur sar Deputat Segretarju Generali taz-Zghazagh Socjalisti u, wara hames xhur, kien tkecca minn dik il-hatra. Kien fl-esekuttiv tal-partit fl-1986, u nhatar Deputat tal-Partit Laburista fil-Parlament wara elezzjoni kazwali fl-1987. Kontra r-rieda tieghu, kien tkecca mill-partit fl-1989. Kien tkecca ghax kellu konflitti ma nies fil-partit li kienu jwettqu atti li l-attur stess jaqbel li kienu "hnizrijiet u oxxenitajiet".

Ma jidhirx li l-attur qieghed jikkontesta l-verita` ta' l-ewwel zewg allegazzjonijiet imsemmija fuq, i.e. illi f'xi zmien is-Socjalisti Maltin wettqu "hnizrijiet u oxxenitajiet" u illi f'xi zmien is-Socjalisti Maltin hadu l-poter kontra r-rieda tal-maggoranza assoluta. L-attur anzi xehed, dwar il-fatt li l-Partit Laburista kien baqa' fil-Gvern ghalkemm, wara l-elezzjoni generali ta' l-1981, il-maggoranza ta' l-elettorat ma riditux ikompli jiggverna, illi "inqisha bhala hnizrija…….hnizrija li ggilidt kontra taghha". Wiegeb ukoll, ghall-mistoqsija jekk jaqbilx illi bejn l-1981 u l-1987, meta l-Partit Laburista kien fil-Gvern, sarux "hnizrijiet u oxxenitajiet", illi jaqbel.

La hemm qbil bejn il-partijiet dwar dawn il-fatti, ma hux il-kaz li l-qorti tistharreg aktar dwarhom.

Ghalhekk, il-kwistjoni bejn il-partijiet hija din: li l-konvenuti qeghdin ighidu li l-attur issieheb mas-Socjalisti Maltin meta dawn kienu qeghdin jaghmlu “hnizrijiet u oxxenitajiet” u kien biss “fl-ahhar” li qal “bizzejjed”, waqt li l-attur qed ighid li hu baqa’ fi hdan il-Partit Laburista sakemm, kontra r-rieda tieghu, tkecca, ghax deherlu li kien minn gewwa l-partit li aktar seta’ jiggieled kontra dak li kien qed jaghmel il-partit u li hu ma kienx jaqbel mieghu.

Min jaqra l-kitba tal-konvenuti jifhem illi l-attur, billi ssieheb mas-Socjalisti Maltin fiz-zmien li dawn kienu qeghdin iwettqu l-hnizrijiet u l-oxxenitajiet, u ma ghamel xejn kontra dawn il-hnizrijiet u oxxenitajiet, u anzi baqa’ fi hdan is-Socjalisti sakemm dawn tilfu l-poter, ma kienx qieghed jikkundanna dawn l-atti. Fil-fatt, izda, rajna li l-attur wera li kien qed jiggieled kontra dawn l-atti, ghalkemm deherlu li aktar seta’ jiggilidhom minn gewwa l-partit milli minn barra. Rajna wkoll li tkecca mill-Partit Laburista u mhux telqu meta tilef il-poter, bhallikieku baqa’ mal-partit biss sakemm kien jaqbillu ghax il-partit kellu l-poter.

Ghalhekk, ghalkemm il-kitba tal-konvenuti fiha elementi ta’ verita`, ghax tassew li l-attur kien mas-Socjalisti Maltin meta dawn wettqu atti li l-partijiet jaqblu li ghandhom ikunu kundannati, il-kitba tkompli taghti lil min jaqraha x`jifhem li l-attur ma ghamel xejn biex jikkundanna dawn l-atti hlief “fl-ahhar”, meta qal “bizzejjed!” Dan, kif rajna, ma hux minnu ghax l-attur kien mill-bidu tal-karriera politika tieghu ikkundanna pubblikament dawn l-atti. Il-konvenuti qeghdin ighidu li l-fatt li l-attur xorta hareg ghall-elezzjoni mal-Partit Laburista wara li saru dawn l-atti juru li xorta baqa’ jaqbel mal-partit. Il-kwistjoni izda ma hix jekk l-attur baqax imsieheb mal-partit jew le, jew ghamilx tajjeb li baqa’ msieheb sa ma tkecca; il-kwistjoni hija jekk weriex pubblikament li kien qed jikkundanna dawk l-atti li ma kienx jaqbel maghhom. Il-kitba taghtik x`tifhem li ma ghamel xejn; il-verita`, izda, hija mod iehor ghax l-attur iggieled pubblikament, ghalkemm minn gewwa l-partit, kontra dawk l-atti. Li kieku l-kitba qalet biss li ghamel

hazin l-attur li baqa' fil-Partit Laburista meta nies fil-partit kienu qeghdin jaghmlu dawn l-atti, dan kien ikun *fair comment* u *value judgment* fuq fatt veru, kif sewwa qalu l-konvenuti fit-tmien paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom; il-kitba, izda, mhux hekk qalet: qalet li l-attur ma ghamel xejn biex jikkundanna dawk l-atti. Il-kitba ghalhekk taghmel allegazzjoni zbaljata ta' fatt.

L-eccezzjonijiet tal-verita` tal-fatti, u tal-*fair comment* fuq dawn il-fatti veri, huma ghalhekk michuda.

Il-kitba, fil-fehma tal-qorti, qieghda taghti malafama lill-attur fejn taghti lil min jaqraha x'jifhem li l-attur ma ghamel xejn biex jikkundanna "l-hnizrijiet u l-oxxenitajiet" meta kienu qeghdin isiru.

Wara li qieset is-serjeta` ta' l-allegazzjonijiet maghmula kontra l-attur, kif ukoll il-fatt li l-kitba tistqarr illi l-kittieb japprezza li l-attur "fl-ahhar" qal "bizzejjed!", u hekk taffiet xi ftit il-malafama, il-qorti hija tal-fehma li s-somma ta' erba' mitt lira (Lm400) tkun kumpens xieraq ghad-danni morali li garrab l-attur minhabba l-malafama.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta' l-kawza billi tichad l-eccezzjonijet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet ta' l-attur. Tghid li Il-kitba *L-ebda paragun* li dehret fil-pagna 9 tal-harga tal-31 ta' Mejju 1992 tal-gazzetta *Il-Mument* taghti malafama lill-attur u, ghall-ghanijiet tat-tieni talba, tilikwida d-danni ta' l-attur fis-somma ta' erba' mitt lira (Lm400). Ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur *in solidum* bejniethom is-somma ta' erba' mitt lira, bl-imghax mid-9 ta' Gunju 1992, u flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza. Izda l-ispejjez tad-dikriet tad-19 ta' Frar 1999, li bih il-qorti ordnat li jitnehhew mill-inkartament dokumenti esebiti mill-attur, ghandu jhallashom l-attur".

5. Permezz tar-rikors taghhom tas-26 ta' Ottubru, 1999 il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza. Huma jikkontendu, bazikament, illi huma semplicement esprimew gudizzju (ossia ghamlu kumment jew *a value judgement*) fuq fatti li kienu veri; dan il-gudizzju, dejjem

skond l-appellanti, kien jikkonsisti filli fil-fehma taghhom jekk wiehed ma jiddisassocjax ruhhu jew sahansitra jitlaq minn dak il-korp, partit jew grupp li jkun qed iwettaq dawk il-“hnizrijiet” u “oxxenitajiet”, allura huwa jkun komplici fihom. In fatti huma jghidu hekk fir-rikors ta' appell taghhom:

“L-esponenti jissottometti illi l-fatti kollha gew ippruvati izda l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi “min jaqra l-kitba tal-konvenuti jifhem illi l-attur, billi ssieheb mas-Socjalisti Maltin fiz-zmien li dawn kienu qeghdin iwettqu l-hnizrijiet u l-oxxenitajiet, u ma ghamel xejn kontra dawn l-hnizrijiet u oxxenitajiet, u anzi baqa fi hdan is-Socjalisti sakemm dawn tilfu l-poter, ma kienx qieghed jikkundanna dawn l-atti”.
Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, dan ma ntqal imkien fil-pubblikazzjoni in kwistjoni; jista’ ikun illi l-Qorti ffurmat din l-opinjoni mill-fatti li qrat izda mhix l-opinjoni jew l-konkluzjoni ta’ qarrej li hija sindakabbli izda l-fatti riportati u attribwiti fil-pubblikazzjoni. L-esponenti jissottomettu bir-rispett illi filwaqt illi l-verita` jew meno tal-fatti huma sindakabbli mill-Qorti, il-value judgement tal-pubblikatur u wisq anqas tal-qarrej mhix ……….. L-attur irrepeta diversi drabi fix-xhieda tieghu illi huwa konvint illi ghalkemm baqa fi hdan fil-partit socjalista meta kienu jitwettqu l-hnizrijiet u oxxenitajiet, huwa kien qed jagixxi korrettement billi kien qed jiggieled internament fil-partit kontra dawn l-istess hnizrijiet u oxxenitajiet. Il-gudizzju tal-konvenuti pero` huwa differenti u cioe` illi jekk wiehed ma jiddisassocjax ruhu jew sahansitra jitlaq minn dak il-korp jew partit li qed iwettaqhom, huwa jsir komplici fihom. Li hu zgur bhala fatt, illi l-partit socjalista baqa fil-Gvern kontra r-rieda tal-maggoranza assoluta sal-ahhar gurnata li tippermetti l-Kostituzzjoni; il-partit socjalista tilef il-poter mhux b’xi azzjoni dipendenti minnu izda ghax hekk ordna l-elettorat. Jirrizulta ghalhekk illi jekk l-attur kien qed “jiggieled” internament kontra din l-“oxxenita” – kif hu stess sejhilha – dan il-glied intern tieghu ma tantx kellu rizultati posittivi u b’dan kollu, baqa fi hdan dak il-partit li kien qieghed jwettaq din l-‘oxxenita’.”

6. Din il-Qorti hi tal-fehma li hawnhekk l-appellanti qed jikkonfondu zewg affarijiet, u cioe` l-espressjoni cara ta' opinjoni fuq fatti veri mal-mod kif il-qarrej ordinarju necessarjament jinterpreta u jifhem certu kliem li jinkitbu. In fatti l-ewwel Qorti kienet preciza u korretta meta, fil-bran aktar 'l fuq citat, osservat illi kieku l-kitba qalet biss li l-attur ghamel hazin li baqa' fil-Partit Laburista meta nies fil-partit, jew f'isem il-partit, kienu qed jaghmlu atti li jikwalifikaw bhala "hnizrijiet" u "oxxenitajiet", dak kien ikun *fair comment* u *value judgement*; pero` l-kitba mhux hekk qalet – qalet (fis-sens li l-qarrej ordinarju hekk jifhem li qed jinghad) li l-attur ma ghamel xejn biex jikkundanna dawk l-atti. U din il-Qorti zzid ukoll li l-qarrej ordinarju, meta jaqra l-bran inkriminat, necessarjament jifhem ukoll li l-attur kien addirittura qed jikkondividi dawk l-atti stante li ma jinghad xejn dwar id-disassocjazzjoni tieghu minn maghhom. Dan l-istat ta' fatt igib bhala konsegwenza legali li l-konvenuti kienu effettivament qed jattribwixxu fatti inveritjeri lill-attur – il-fatt li huwa ma kienx qed jikkundanna dawk l-atti u l-fatt li huwa kien qed jikkondividihom. Kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander** [2]

**Whether a statement is one of fact or is a comment is a matter of interpretation in the light of all the circumstances known to those to whom those words are published, in particular the context in which the words appear. If in the light of those circumstances a reasonable member of the public would understand the words as the expression of an opinion on facts, or as an inference drawn from facts, the words will be held to be comment.** [3]

Izda:

**…if the defendant has failed to distinguish clearly in what he has published between the facts on which he is commenting and the comments he wishes to make on these facts, those to whom the words are published may regard the comments either as statements of fact or as founded upon unrevealed**

[2] Sweet & Maxwell (London), 1981.
[3] *op. cit.* para. 699, pagna 295.

**information in the possession of the publisher; in such circumstances the publication may stand in the same position as an ordinary allegation of fact.** [4]

7. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet korretta fl-apprezzament li ghamlet u fil-konkluzjoni li waslet ghaliha. Konsegwentement l-appell tal-konvenuti ma jimmeritax li jintlaqa'.

8. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] *op.cit.* para. 704, pagna 298.